# IL-VALUR TAL-PENITENZA FIL-MIXJA TAL-FIDI



Nhar l-Erbgħa 25 ta' Frar nagħtu bidu għaż-żmien liturġiku tar-Randan. F'kull żmien liturġiku l-Knisja tiċċelebra l-misteru tal-mewt u l-qawmien ta' Ġesu'. Fir-Randan il-Knisja tgħix il-misteru ta' Ġesu' li jimxi lejn Ġerusalemm biex iwettaq il-misteru tal-Għid. Hu u miexi, jistieden LilL-Knisja kollha biex timxi warah fl-istess triq ta' salvazzjoni. Anzi, Ġesu' nnifsu jsir it-triq u s-salvazzjoni.

Ir-Randan għalhekk hu ż-żmien per eċċellenza tal-konverżjoni, tal-*metanoia*, jiġifieri żmien li fih in-Nisrani jqiegħed lilu nnifsu quddiem Ġesu' u jħallih isalvah.

Fost it-toroq li permezz tagħhom in-Nisrani jagħmel il-mixja tal-konverżjoni, ir-Randan jipproponi t-triq tal-penitenza. Il-Knisja titlob lill-Insara kollha biex jagħmlu penitenza, kull wieħed skont il-mod tiegħu. Iżda biex l-Insara kollha jingħaqdu flimkien għal ċertu ħarsien tal-penitenza, hemm iffissati xi ġranet ta' penitenza li fihom l-Insara, b'mod speċjali, jagħtu ruħhom għat-talb, għall-għemejjel ta' devozzjoni u mħabba, għaċ-ċaħda tagħhom infushom, billi jaqdu aħjar dmirijiethom, l-aktar billi jħarsu s-sawm u l-astinenza.

Il-ġranet ta' penitenza fil-Knisja Universali huma l-Ġimgħat kollha tas-sena u ż-żmien tar-Randan.

L-astinenza u s-sawm għandhom ikunu mħarsa f'Ras ir-Randan u nhar il-Ġimgħa l-Kbira. Huma marbutin bil-liġi tal-astinenza dawk kollha li għalqu l-14-il sena; għandhom iħarsu l-liġi tas-sawm dawk li għalqu t-18-il sena sa dawk li għandhom 60 sena. Iżda għandu valur edukattiv kbir li anke min hu iżgħar, jew dawk li mhumiex obbligati, jitrawmu fil-veru sens tal-penitenza.

*(Siltiet mis-Sussidju Djoċesan għar-Randan 2007)*

Mal-bidu tar-Randan nagħtu bidu għat-**TIELET FAŻI TAL-MISSJONI DJOĊESANA**: **IŻ-ŻMIEN TA' KONVERŻJONI U ĊELEBRAZZJONI**. F'dan iż-żmien, id-Djoċesi tagħmlilna sejħa speċjali biex nieħdu sehem fiċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi u penitenzjali, u speċjalment billi nisimgħu l-Kelma t'Alla mxandra permezz tal-Eżerċizzi tar-Randan.

## Mill-Kalendarju Djoċesan:

***Il-Ħadd 22 ta' Frar:*** Għoti tal-Ministeru tal-Lettorat (Parroċċa Nadur 4.30p.m.)
***It-Tnejn 23 ta' Frar:*** Lectio Divina għas-Saċerdoti taż-Żona B (Parroċċa Żebbuġ - 4.00p.m.)
***L-Erbgħa 25 ta' Frar:*** Ras ir-Randan (Obbligu ta' Sawm u Astinenza)
***Il-Ġimgħa 27 ta' Frar:*** Pellegrinaġġ Penitenzjali Djoċesan u għoti tal-Mandat lill-Predikaturi tal-Eżerċizzi tar-Randan (Parroċċa Xewkija - 6pm)
***Is-Sibt 28 ta' Frar:*** Nofs ta' nhar Spiritwalita' għas-saċerdoti (Ċentru Pastorali Ragħaj it-Tajjeb - 8.30am) / Katekeżi tar-Randan għaż-Żgħażagħ (Dar tal-Kurja ħdejn Manresa - 8.30pm)

## It-Talba tal-ġimgħa

*Mulej Ġesu, qawwi l-fidi tiegħi fik biex nirbaħ kull tfixkil fil-mixi tiegħi biex niltaqa' miegħek u nwassal lil oħrajn ħdejk.*

gozopress • 21551534



Djoċesi ta' Għawdex

# Bullettin tal-Ħadd

Sena Pawlina
2008 - 2009

Is-7 Ħadd Matul is-Sena • Sena B • L-40 Sena (2082) • 22 ta' Frar 2009




Meta wara xi ġranet daħal Kafarnahum, in-nies semgħet li kien id-dar. U nġabru bosta, hekk li ma kienx hemm fejn joqogħdu iżjed, anqas quddiem il-bieb. U qagħad ixandrilhom il-kelma. U marru ħadulu quddiemu wieħed mifluġ, merfugħ minn erbgħa min-nies. Billi ma setgħux jersqu sa ħdejh minħabba l-kotra, qalgħu s-saqaf ta' fuqu, fetħu toqba, u niżżlu minnha l-friex li fuqu kien mimdud il-mifluġ. Meta ra l-fidi tagħhom, Ġesù qal lill-mifluġ: "Ibni, dnubietek maħfura." Mela kien hemm bilqiegħda xi wħud mill-kittieba, u f'qalbhom bdew jgħidu: "Dan kif qiegħed jitkellem hekk? Dan qiegħed jidgħi! Min jista' jaħfirhom id-dnubiet ħlief Alla biss?" Malli Ġesù ntebaħ fih innifsu x'kienu qegħdin jgħidu bejnhom u bejn ruħhom qalilhom: "Għaliex qegħdin taħsbu hekk f'qalbkom? X'inhu l-eħfef, tgħid lill-mifluġ, 'Dnubietek maħfura', jew tgħidlu, 'Qum u aqbad friexek u imxi'? Mela biex tkunu tafu li Bin il-bniedem għandu s-setgħa jaħfer id-dnubiet fuq l-art?" qal lill-mifluġ, "Qum, qiegħed ngħidlek, aqbad friexek u mur lejn darek." Dak qam, qabad malajr friexu, u ħareġ 'il barra quddiem kulħadd. U kulħadd stagħġeb, u bdew ifaħħru lil Alla u jgħidu: "Ħwejjeġ bħal dawn qatt ma rajniehom." (Mk 2, 1-12)

**RIFLESSJONI**

- Kulfejn kien imur Ġesu' kien jiġbed ħafna nies biex jisimgħu l-kelma tiegħu u anke biex jiksbu l-fejqan.
- Għalkemm il-poplu forsi iktar kien jinteressah l-fejqan tal-ġisem, imma Ġesu' kien jagħti l-fejqan spiritwali biex jeħles l-bniedem mill-irbit tal-ħażen.
- Min ma jifhimx l-missjoni ta' Ġesu', jieqaf biss fil-kritika ta' kull azzjoni li tkun ġejja minn Ġesu'.
- Kull azzjoni ta' Ġesu' turi l-qawwa divina li qed taħdem fost il-poplu għas-salvazzjoni tiegħu.
- Persuni mimlijin ġenerożita' u fidi ressqu lill-mifluġ lejn Ġesu' ; il-fidi tiegħek tqanqlek biex tressaq persuni lejn Ġesu' biex jiksbu l-fejqan spiritwali ?